# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 605/2007

## ta' l-1 ta' Ġunju 2007

## li jistabilixxi miżuri transitorji għal ċerti liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni għall-kummerċ ta' prodotti agrikoli bejn il-Komunità kif ikkostitwita fil-31 ta' Diċembru 2006 u l-Bulgarija u r-Rumanija

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

(1) Sal-31 ta' Diċembru 2006, il-kummerċ ta' prodotti agrikoli bejn il-Komunità u l-Bulgarija u r-Rumanija kien suġġett għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni. Mill-1 ta' Jannar 2007, dawk il-liċenzji ma jistgħux jibqgħu jintużaw għal tali kummerċ.

(2) Ċerti liċenzji li għadhom validi wara l-1 ta' Jannar 2007 jew ma ntużaw xejn jew intużaw parzjalment biss. L-obbligi li ddaħħlu fl-ambitu ma' dawk il-liċenzji għandhom jiġu onorati, jekk le, il-garanzija mogħtija tintilef. Peress li tali obbligi ma jistgħux jibqgħu jiġu onorati wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, jidher li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit, b'effett mid-data ta' l-adeżjoni ta' dawk iż-żewġ pajjiżi, miżura transitorja li tipprovdi għar-rilaxx tal-garanziji mogħtija.

(3) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitati tat-Tmexxija konċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Permezz ta' talba mill-partijiet interessati, il-garanziji li ġew mgħotija għall-ħruġ ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni u ta' ċertifikati stabbiliti bil-quddiem, għandhom jiġu rilaxxati, skond il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pajjiz ta' destinazzjoni, ta' l-oriġini jew tal-provenjenza mmarkat fil-liċenzji jew fiċ-ċertifikati huwa l-Bulgarija jew ir-Rumanija,

(b) il-validità tal-liċenzji jew taċ-ċertifikati ma skadietx qabel l-1 ta' Jannar 2007,

(c) il-liċenzji jew iċ-ċertifikati intużaw jew parzjalment biss jew ma ntużaw xejn sa l-1 ta' Jannar 2007.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fit-totalità kollha tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*